**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TLIETA U GĦOXRIN**

**19 ta' April, 2016**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Viċi Chairperson Maria Schebmri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**SKUŻAT**

Iċ-Chairperson is-Sur Pierre Farrugia nforma li ma setgħax jattendi għas-seduta minħabba li jinsab ma jiflaħx. (dok 1 mehmuż)

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Il-Viċi Maria Schembri presediet l-laqgħa.

**23.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

23.1.1 Ġew approvati l-minuti ta-tnejn u għoxrin seduta ta' din il-leġislatura.

***23.2*** ***Attivitajiet Kulturali***

23.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq għoti ta' fondi għall-attivitajiet kulturali li ser isiru f'Bubaqra:
Snajja u Artiġjanat fiż-Żurrieq li ser issir fis-7 ta' Mejju, 2016 (fondi mogħtija speċifikament fuq 4 affarijiet totalment jammontaw għall-€2,000)

It-Tieġ Tradizzjonali Malti li ser isir fil 21 ta' Mejju,2016 (fondi mogħtija speċifikament fuq 5 affarijiet totalment jammontaw għall-€2,000)

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ż-żewġ għaqdiet sabu diffikkulta biex l-ammont mgħoti ser ikun maqsum fuq dawn l-affarijiet speċifiċi biss. Is-Segretarju Eżekuttiv f'isimhom bagħtet tinforma lid-DLG u r-risposta pożittiva ġiet riċevuta illum.

Għal dawn l-attivitajiet il-Kumitat Amministrattiv lest li jerġa joħroġ l-ispejjeż għat-tindif, mobile toilets, permessi, applikazzjoni tad-dawl, permessi ta' wardens u tqassim ta' posters, bħal ma għamel fis-snin l-imgħoddija.

23.2.2 Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jerġa jibgħat jinforma liż-żewġ għaqdiet biex jimxu ma dak mitlub mid-DLG u bl-għajnuna li l-Kumitat lest li jagħti.

**23.3 Suġġerimenti u ilmenti**

23.3.1 Il-membru Joseph D'Amato qal li ltaqa' mal-Perit Edric Micallef li qed jaħdem fuq Triq Fra Gan Marie Zammit u infurmaħ li t-triq ser issir kollha, inkluż il-burdura tat-traffic island u l-konkos madwara biex isir parkeġġ. Hu nforma li ser ikun hemm post għal bankijiet, 3 konki għal siġar u bollards, fuq naħa waħda tat-traffik island, parkeġġ għall-vetturi fuq naħa oħra tat-traffic island u playing equipment waħda. L-arbli li bħalissa jinsabu f'nofs ta' triq ser jitneħħew u jiġu fit-traffic island u jistgħu jiżdiedu xi fanali milli għandu l-Kunsill.

Kien hemm qbil li minħabba li l-istimi li nġiebu fuq playing equipment ilaħħqu somma konsiderevoli, għandu jinġieb avviż fil-ġurnali biex jintalbu kwotazzjonijiet.

23.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li reġa kellha ilmenti biex isiru parkeġġi fit-toroq – it-Tin u l-Qiegha. Kien hemm qbil lid an ix-xogħol irid isir minn Transport Malta.

23.2.6 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li r-residenti tal-akwata ta' Triq il-Qiegħa faħħru l-inizjattiva li ħa l-Kunsill billi naddfu l-akwata.
Il-membru Joseph D'Amato qal li hu ma qabilx li l-Kunsill naddaf l-art privata. Hu żied jgħid li l-Kunsill imissu mexa mal-liġi għax din il-mossa kienet ta' preċedent fuq plots vakanti oħra li jinsabu fl-istess sitwazzjoni tal-art li naddaf il-Kunsill.
Fil-prinċipju kien hemm qbil unanimu.

23.2.7 Il-membru Kevin Sam Farrugia talab biex issir pjanċa miżbugħa b'kulur li jagħti fil-għajn mal-'U' bar li hemm fi Triq il-Luq biex tiġbed l-għajn tas-sewwieqa.
Kien hemm qbil li tiġi ordnatha.

***23.3 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

23.3.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:45 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju, 2016 fil-17:30.

Konfermati, illum ___ ta' Mejju, 2016

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**